# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 1 ta' Marzu, 2001 .

### Citazzjoni numru : 92/94G1(PC)

**Fortunata mart Emanuel Calleja u l-istess Emanuel Calleja .**
**vs.**

**Lorenza Bajada u b'degriet tas-26 ta' Novembru 1997, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmel Tabone u Mary Rose mart Joseph Bajada, minflok Lorenza Bajada li mietet fil-mori tal-kawza .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :**

**Illi ghal dawn l-ahhar snin l-attrici rrendiet lill-konvenuta servigi, kuri u assistenzi gew rezi fuq it-talba tal-istess konvenuta u fuq promessa ta' kumpens ta' din ta' l-ahhar ;**

**Illi sabiex ipprestat dawn is-servigi l-attrici kellha tidhol f'hafna skomodu u strepazz kemm ghaliha personali u kemm ghall-membri tal-familja taghha;**

**Ukoll li dawn is-servigi, kuri u assistenzi kienu ta' entita u natura tali li ghandhom jigu retribwiti ;**

**Illi ghalkemm giet interpellata mill-attrici sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tas-servigi l-konvenuta baqghet inadempjenti .**

**Talbu lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tillikwida l-ammont ta' kumpens dovut lill-attrici in linea ta' servigi, kuri u assistenzi rezi lill-konvenuta ;**
2. **Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici l-ammont ta' kumpens hekk likwidat .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' April 1994, u tal-ittri nterpellatorji tal-10 ta' Mejju 1994 u tal-5 ta' April, 1994 kollha kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa mharrka ghas-subizzjoni .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Fortunata Calleja .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet :**

1. **Illi mhuwiex veru li l-attrici ghamlet diversi snin tirrendi servigi, kuri u assistenzi lill-eccipjenti izda kien biss wara li l-eccipjenti harget mill-isptar f'Settembru 1993 li l-attrici kienet izzurha ghal xi ftit sieghat wara nofs inhar id-dar taghha u dan ma kenitx taghmlu kuljum u damet ghal madwar sitt xhur ;**
2. **Illi l-eccipjenti qatt ma nkarigat lill-attrici tirrendilha ebda servigi, kuri u assistenzi u l-attrici ghamlet dan fuq inizjattiva taghha bl-aspirazzjoni li tikkonvinciha tiktbilha l-wirt kollu taghha u meta ma rnexxiliex taghmel dan hija waslet sahansitra biex intavolat il-kawza ;**
3. **Illi l-eccipjenti qatt ma rrifjutat li tikkumpensa lill-attrici tal-ftit xhur li ghamlet izzurha fid-dar taghha u offritilha pro bono pacis il-hlas ta' tmien mitt lira maltin (LM800) a saldu, liema somma l-attrici ma accettatx ;**
4. **Illi jekk il-kumpens offert mill-eccipjenti huwa gust, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sofferti mill-atturi ;**
5. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta mahlufa minnha .**

**Rat id-digriet taghha ta' l-4 ta' Ottubru 1994 li bih gie nominat l-avukat Dottor Michael Grech bhala perit legali f'din il-kawza .**

**Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali minnu mahlufa fit-13 ta' Gunju 2000 .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din hija kawza ghall-hlas ta' servigi li l-attrici qed tghid li rrendiet ghal xi zmien lill-konvenuta . Il-fatti fil-qosor li taw lok ghaliha huma s-segwenti:**

**Il-konvenuta (illum mejta), mara anzjana ta' 'l fuq minn sittin sena, htigilha tidhol l-isptar t'Ghawdex ghal operazzjoni fil-bidu tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin u ghamlet xi zmien rikoverata hemm, l-attrici tghid madwar xahrejn, imma ohtha Mary Rose Bajada, issostni li kienu**

**biss ghaxart ijiem . L-attrici kienet tmur izzurha l-isptar u offritilha li tiehu hsiebha fil-bzonnijiet taghha . In segwitu l-konvenuta kellha bzonn tmur taghmel operazzjoni Malta u damet rikoverata hemm ghal madwar erba' xhur . L-attrici kienet tmur izzurha hemmhekk ukoll . Fl-ewwel xahar marret darba biss, imbaghad bdiet tmur darbtejn fil-gimgha . Meta rritornat minn Malta, Lorenza Bajada htegilha taghmel xahrejn ohra l-isptar t'Ghawdex, u l-attrici kompliet izzurha u tiehu hsiebha . Baqghet taghmel hekk anke meta l-konvenuta rritornat id-dar taghha, bid-differenza illi issa bdew joffru s-servizzi taghhom hutha Carmel Tabone u Mary Rose Bajada wkoll, b'tali mod illi x-xoghol tal-gurnata kien qed jinqasam bejn tlieta . Dan il-ftehim baqa' jsehh sakemm f'Marzu tas-sena ta' wara (1994) inqala' l-inkwiet bejn l-attrici u l-konvenuta, ghaliex l-attrici riedet li l-konvenuta tingabar maghha u tiktbilha kollox, imma l-konvenuta xtaqet thalli l-gid taghha lill-attrici u hutha indaqs bejniethom . Ghalhekk l-attrici imbaghad ma marritx aktar .**

**Ghall-provi f'aktar dettal u a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, il-Qorti taghmel piena referenza ghall-verbali tax-xhieda migbura mill-perit legali u li jinsabu annessi mar-relazzjoni tieghu . L-istess ghar-rigward ta' l-aspetti legali tad-dritt ta' l-attrici li tircievi kumpens ghas-servigi li gie ppruvat li rrendiet lill-konvenuta, qed issir referenza ghal dak li espona tant tajjeb il-perit legali fir-rapport tieghu . Il-Qorti taqbel partikolarment ma' dak li jghid il-perit legali illi l-'quantum' ta' dak li jrid jigi stabilit bhala dovut lill-attrici jrid jinhadem fuq dak li hija attwalment ghamlet mal-konvenuta u mhux a bazi ta' dak li hija ppretendiet li kellha tithallas meta kienet qed tirrendi dawn is-servigi . Irrizulta li l-attrici kienet qed tippretendi li l-konvenuta tiktbilha xi 'plot' ghall-bini bhala kumpens ghal dak li kienet qed taghmel maghha . Minn imkien ma rrizulta li l-konvenuta qatt accettat li taghmel hekk . Lanqas ftehim dwar ir-rata ta' kumpens dovut baqa' qatt ma sar .**

**Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom l-atturi jiccitaw sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Pawla Formosa et. vs. Katerina Gauci et. 6.10.97 Vol. LXXXI. pt. 3. P 217) biex isostnu t-tezi taghhom illi l-'quantum' tal-kumpens likwidat irid isir b'referenza mhux biss ghas-servigi proprji li jkunu gew resi, imma wkoll ghall-aspett finanzjarju ta' min ikun qed jibbenefika minn dawk is-servigi . Apparti l-fatt illi kull ma qalet dik il-Qorti f'dan ir-rigward kien : "Tenut kont tal-entita' ta' l-assi ta' l-ahwa Said u tas-servigi rezi, din kienet taghti lok ghal-aspettattiva li kienet tikkumpensa ghal dak kollu li kien sar mill-atturi," li ma tfissirx ezattament dak li qed jippretendu l-atturi, ma tressqu ebda provi dwar il-konsistenza ta' assi tal-konvenuta, u ghalhekk fi kwalunkwe kaz ezercizju simili zgur li ma jistghax isir .**

**Il-perit legali llikwida s-somma ta' elf u mitejn lira maltija (Lm1200) in konsiderazzjoni tas-servizzi resi mill-attrici lill-konvenuta . L-atturi**

**jikkontendu illi din is-somma hija zghira wisq, kemm ghar-raguni gia msemmija li kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni ukoll l-assi tal-konvenuta, kif ukoll ghaliex ma giex ikkonsidrat il-perijodu kollu tas-servigi u anke r-rata li ttiehdet bhala bazi ghall-kalkoli kienet baxxa hafna .**

**Dottor Michael Grech qassam is-servigi fiz-zjarat li kienet taghmel l-attrici lill-konvenuta kemm damet rikoverata l-isptar Malta, u fil-granet li kienet taqdiha hawn Ghawdex, meta kienet l-isptar u imbaghad id-dar .**

**Ghaz-zjarat f'Malta il-perit legali bbaza s-servigi fuq sittax (16) il-wahda, mifruxa fuq l-erba' xhur li l-konvenuta damet l-isptar, bir-rata ta' ghaxar liri maltin (Lm10) ghal kull zjara . Il-Qorti ma ssib xejn hazin f'dan il-kalkolu, li nhadem naturalment wara li tqieset sew ix-xhieda kollha moghtija .**

**Ghall-qadi f'Ghawdex, il-perit legali kkalkula li kien hemm cirka tmien xhur u nofs (260 jum) servigi, li jinkludu kemm iz-zjarat li l-attrici kienet taghmel lill-konvenuta fl-isptar wara l-ewwel operazzjoni, kif ukoll iz-zjarat l-ohra fix-xahrejn li regghet ghamlet l-isptar meta rritornat minn Malta, imbaghad is-sitt xhur li daret biha id-dar taghha x-Xaghra . Ghalhekk zgur li gie kopert il-perijodu kollu li l-attrici setghet daret bil-konvenuta . Ir-rata wzata kienet ta' erba' liri (Lm4) kuljum, mehud in konsiderazzjoni il-hin li l-attrici kienet tiddedika ghall-konvenuta . Il-Qorti lanqas hawn hekk ma ssib xejn hazin fil-'quantum ta' din ir-rata, meta wiehed jiftakar illi dawn is-servigi gew resi seba'/tmien snin ilu, u kif ikkonfermat Giovanna Farrugia, il-gara tal-konvenuta li bdiet taqdiha wara li ma komplietx l-attrici, hija kienet qed tithallas bir-rata ta' lira s-siegha .**

**Il-Qorti ghalhekk tikkonferma l-ammont likwidat ghas-servigi resi mill-attrici lill-konvenuta fis-somma ta' elf u mitejn lira maltija (Lm1200) . Taqbel ukoll ma' dak li rrakkomanda il-perit legali fis-sens illi ghandu jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez tal-kawza . Irrizulta illi l-konvenuta kienet gia offriet li thallas lill-attrici tmien mitt lira maltija (Lm800) bhala kumpens ghal dak li ghamlet maghha qabel ma giet intavolata din ic-citazjoni . Anke wara li kien tlesta ir-rapport peritali, il-konvenuti kienu disposti li jhallsu l-ammont kif likwidat mill-perit legali u li jissoportu nofs l-ispejjez (ara verbal tat-13 ta' Gunjun 2000) . Imma l-attrici dehrilha li dan ma kienx bizzejjed u ppretendiet li tiehu ferm aktar minn dak li kien attwalment jisthoqilha .**

**Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi :**

**(i) tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-ammont ta' kumpens dovut lill-attrici in linea ta' servigi, kuri u assistenzi resi lill-konvenuta**

**Lorenza Bajada, illum mejta, fis-somma ta' elf u mitejn lira maltija (Lm1200); u ghalhekk**

**(ii) tikkundanna lill-konvenuti Carmel Tabone u Mary Rose Bajada bhala werrieta ta' l-isetss Lorenza Bajada sabiex ihallsu lill-atturi is-somma hekk likwidata .**

**L-ispejjez tal-kawza in vista ta' dak li inghad hawn fuq ghandhom jigu ssopportati in kwantu ghal terz (1/3) mill-atturi u zewg terzi (2/3) mill-konvenuti .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S9294Pc
1580